**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0117/2019**

28.2.2019

*

# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni)
(COM(2018)0346 – C8-0381/2018 – 2018/0176(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Miguel Viegas

(Riformulazzjoni – Artikolu 104 tar-Regoli ta' Proċedura)

(Proċedura simplifikata – Artikolu 50(1) tar-Regoli ta' Proċedura)

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........6

ANNESS: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI ..........8

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI.......10

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........12

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni)**
**(COM(2018)0346 – C8-0381/2018 – 2018/0176(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni – riformulazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2018)0346),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0381/2018),

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu aktar strutturat tat-teknika tar-riformulazzjoni tal-atti legali[1],

– wara li kkunsidra l-ittra tat-22 ta' Frar 2019 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji skont l-Artikolu 104(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 104 u 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0117/2019),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta tal-Kummissjoni ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

## NOTA SPJEGATTIVA

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE, li ssostitwixxiet id-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE, tistabbilixxi arranġamenti ġenerali għal prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa, bħalma huma l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku, l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, u t-tabakk manifatturat. Id-Direttiva għamlet enfasi partikolari wkoll fuq il-produzzjoni, il-ħżin u l-moviment ta' prodotti soġġetti għas-sisa bejn l-Istati Membri. L-għan ewlieni tad-Direttiva hu li jingħata lok għall-moviment liberu tal-prodotti u fl-istess ħin jiġi żgurat li fl-aħħar mill-aħħar l-Istati Membri jiġbru d-dejn korrett tat-taxxa.

L-inizjattiva REFIT (programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni) tal-Kummissjoni kienet tħabbret fl-Anness II tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017 b'mod parallel ma' inizjattiva REFIT għad-Direttiva 92/83/KEE. Għaldaqstant flimkien ma' din il-proposta, se tiġi ppreżentata wkoll proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 92/83/KEE.

Il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni tad-Direttiva 2008/118/KE fil-qafas tal-programm REFIT tal-Kummissjoni u ppreżentat rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fil-21 ta' April 2017. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni ġew riflessi fil-biċċa l-kbira fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill, li ġew adottati fil-5 ta' Diċembru 2017.

Ir-rapport tal-Kummissjoni u l-konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jirriflettu s-sodisfazzjon ġenerali bis-Sistema tal-Movimenti u tal-Kontrolli ta' Prodotti Soġġetti għas-Sisa (l-EMCS), identifikaw xi oqsma li jeħtieġu titjib. L-oqsma ewlenin enfasizzati għandhom x'jaqsmu mat-titjib tal-allinjament bejn il-proċeduri doganali u tas-sisa u l-awtomatizzazzjoni parzjali jew sħiħa tal-movimenti intra-UE ta' prodotti soġġetti għas-sisa rrilaxxati għall-konsum.

Il-proposta tindirizza dawn l-oqsma addizzjonali li ġejjin:

- fir-rigward tal-konsenjaturi li jwettqu attività ekonomika indipendenti u li jixtiequ jibagħtu prodotti soġġetti għas-sisa rrilaxxati għall-konsum f'xi wieħed mill-Istati Membri, lil persuni f'xi Stat Membru ieħor li ma jwettqux attività ekonomika indipendenti: tiddaħħal il-possibbiltà li l-konsenjatur juża rappreżentant tat-taxxa u titneħħa l-possibbiltà li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni teżiġi rappreżentant tat-taxxa;
- soluzzjoni komuni għat-telf parzjali naturali waqt moviment;
- l-awtomatizzazzjoni taċ-ċertifikat ta' eżenzjoni u t-trattament tiegħu għal movimenti ta' prodotti soġġetti għas-sisa lil konsenjatarji eżentati mill-ħlas tad-dazji tas-sisa;
- rinunzja tal-garanzija għal prodotti tal-enerġija trasportati bil-pipelines.

Importanti li l-arranġamenti tas-sisa għall-bejgħ mill-bogħod jenħtieġ ikunu kompatibbli mal-arranġamenti tal-VAT. Għal dan il-għan, aktar tard fl-2018, il-Kummissjoni se tkun qed tistudja l-alternattivi
għal arranġamenti ġodda għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti soġġetti għas-sisa.

Id-Direttiva ġiet emendata sostanzjalment diversi drabi, u se jsiru emendi ulterjuri. Id-Direttiva tagħmel diversi referenzi għal atti leġiżlattivi skaduti, li jenħtieġ

jiġu aġġornati fl-istess ħin. Għaldaqstant il-Kummissjoni ddeċidiet li twettaq riformulazzjoni tad-Direttiva
2008/118/KE fl-interess taċ-ċarezza.

## ANNESS: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI

D(2019)7359

Is-Sur Roberto GUALTIERI
President, Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
ASP 15G206
Brussell

***Suġġett*:** **Proposta għal direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni)**
**COM(2018)0346 – C8-0381/2018 – 2018/0176(CNS)**

Onor. President,

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali eżamina l-proposta msemmija hawn fuq, skont l-Artikolu 104 tar-Regoli ta' Proċedura dwar ir-Riformulazzjoni, kif introdott fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

Il-Paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu jinqara kif ġej:

*"Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jqis li l-proposta ma tinkludi l-ebda bidla sostantiva ħlief għal dawk il-bidliet identifikati bħala tali fil-proposta, huwa għandu jgħarraf lill-kumitat responsabbli għas-suġġett b'dan.*

*F'dan il-każ, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 169 u 170, l-emendi għandhom ikunu ammissibbli fi ħdan il-kumitat responsabbli għas-suġġett biss jekk jikkonċernaw dawk il-partijiet tal-proposta li jinkludu tibdiliet.*

*Madankollu, emendi ta' partijiet tal-proposta li ma jinbidlux jistgħu jiġu aċċettati, fuq bażi eċċezzjonali u fuq bażi ta' każ b'każ, mill-president tal-kumitat responsabbli għas-suġġett, jekk iqis jew tqis li dan huwa meħtieġ għal raġunijiet imperattivi li għandhom x'jaqsmu mal-koerenza interna tat-test jew għaliex l-emendi huma marbuta mill-qrib ma' emendi oħra li jkunu ammissibbli. Dawn ir-raġunijiet iridu jitniżżlu f'ġustifikazzjoni bil-miktub tal-emendi."*

B'segwitu għall-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, li eżaminaw il-proposta riformulata, u b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporteur, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jqis li l-proposta inkwistjoni ma tinkludi l-ebda bidla sostantiva għajr dawk il-bidliet identifikati bħala tali u li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdulin tal-atti ta' qabel b'dawk il-bidliet, il-proposta fiha kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħhom.

Bħala konklużjoni, fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Frar 2019, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bi

22 vot favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet[2], jirrakkomanda li l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, jista' jipproċedi bl-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq bi qbil mal-Artikolu 104 tar-Regoli ta' Proċedura.

Dejjem tiegħek,

Pavel Svoboda

*Mehmuża: L-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv.*

[2] Kienu preżenti l-Membri li ġejjin: Max Andersson, Joëlle Bergeron, Jean Marie Cavada, Kostas Chrysogonos, Rosa Estaràs Ferragut, Mady Delvaux, Pascal Durand, Enrico Gasbarra, Sajjad Karim, Sylvia Yvonne Kaufmann, Gilles Lebreton, António Marinho e Pinto, Joëlle Mélin, Angelika Niebler, Emil Radev, Evelyn Regner, Pavel Svoboda, Axel Voss, Tiemo Wölken, Francis Zammit Dimech, Kosma Zlotowski, Tadeusz Zwiefka.

## ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, it-23 ta' Jannar 2019

**OPINJONI**

**GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**
**TAL-KUNSILL**
**TAL-KUMMISSJONI**

**Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa**
**COM(2018)0346 of 25.5.2018 - 2018/0176 (CNS)**

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2010 dwar użu aktar strutturat tat-teknika tar-riformulazzjoni tal-atti legali, u b'mod partikulari l-punt 9 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, magħmul mis-Servizzi Legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, fit-28 ta' Novembru u fis-6 u t-13 ta' Diċembru 2018 kellu laqgħat iddedikata, fost affarijiet oħra, għall-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq, imressqa mill-Kummissjoni.

Waqt dawk il-laqgħat[3], b'riżultat tal-eżami tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li twassal għar-riformulazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, bi qbil komuni, stabbilixxa dan li ġej.

1. Il-partijiet li ġejjin kellhom jiġu mmarkati b'tipa ta' kulur griż li ġeneralment tintuża sabiex jiġu identifikati tibdiliet sostantivi:
– fil-premessa 47, il-kliem "*jew li jibgħat jew iwassal l-oġġetti f'ismu jew f'isimha*";
– wara l-premessa 52, it-test sħiħ tal-premessa 36 tad-Direttiva 2008/118/KE;
– fl-Artikolu 4, iż-żieda tal-punt 13 ġdid;
– fl-Artikolu 7(3), is-sostituzzjoni tal-kliem "*tar-rilaxx għall-konsum*" bil-kliem "*tat-tluq minn arranġament ta' sospensjoni tad-dazju kif imsemmi fil-paragrafu 2(a)*";
– fl-Artikolu 8(1)(d), it-tħassir tal-kliem "*il-persuna li tiddikjara l-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa jew li f'isimha ġew iddikjarati meta ġew importati*";
– fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11, is-sostituzzjoni tar-referenza attwali għall-"*Artikolu 33(6)*" b'referenza ġdida għall-"*Artikolu 38(4)*";

[3] Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv ħadem fuq il-bażi tal-verżjoni Ingliża tal-proposta, li hija l-verżjoni lingwistika oriġinali tat-test eżaminat.

– fl-Artikolu 13(1), it-tħassir tal-kliem inizjali "*Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21(1)*";
– fl-Artikolu 16(2)(d), is-sostituzzjoni tal-kliem "*fil-maħżen tat-taxxa*" bil-kliem "*fil-kontijiet tal-maħżen tat-taxxa*";
– fl-Artikolu 17(5), il-kliem "*u 2*";
– fl-Artikolu 25(3), it-tielet subparagrafu, is-sostituzzjoni tal-kelma "*jgħadduh*" bil-kliem "*jibagħtu l-konferma*";
– fl-Artikolu 30(1), is-sostituzzjoni tal-kelma "*tal-messaġġi*" bil-kliem "*tad-dokumenti amministrattivi elettroniċi" u ż-żieda tal-kliem "u tad-dokumenti ta' riżerva msemmija fl-Artikoli 27 u 28 fil-kuntest ta*"';
– fl-Artikolu 30(2), is-sostituzzjoni tal-kliem "*tal-messaġġi li għandhom jiġu skambjati*" bil-kliem "*għall-iskambji tad-dokumenti amministrattivi elettroniċi permezz tas-sistema kompjuterizzata*";
– it-tħassir tat-test sħiħ tal-punt (c) attwali tal-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2008/118/KE;
– fl-Artikolu 34(1), it-tħassir tal-kliem inizjali "*Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36(1)*" u ż-żieda tal-kliem finali "*tad-destinazzjoni*";
– fl-Artikolu 34(5), iż-żieda tal-kliem finali "*tad-destinazzjoni*";
– it-tħassir tat-test sħiħ tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2008/118/KE.
2. Fil-premessa 47, it-tħassir tal-kliem "*direttament jew indirettament*", li attwalment jidher wara l-kliem "*mibgħuta jew ittrasportati*" fil-premessa 29 tad-Direttiva 2008/118/KE, kellu jkun immarkat bħala adattament formali;
3. (*Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.*)
4. Fl-Artikolu 30(1), ir-referenza żbaljata għall-"*Artikolu 55*" għandha tiġi sostitwita b'referenza għall-"*Artikolu 52*".

Dan l-eżami tal-proposta b'hekk wassal biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, bi qbil komuni, li l-proposta ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dawk identifikati bħala tali. Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv ikkonkluda wkoll li, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-att preċedenti ma' dawk l-emendi sostantivi, li l-proposta fiha kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-test legali eżistenti, mingħajr ebda tibdil fis-sustanza tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| F. DREXLER<br>Ġurikonsult | H. LEGAL<br>Ġurikonsult | L. ROMERO REQUENA<br>Direttur Ġenerali |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | | |
|---|---|---|
| **Titolu** | Arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni) | |
| **Referenzi** | COM(2018)0346 – C8-0381/2018 – 2018/0176(CNS) | |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 18.7.2018 | |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>10.9.2018 | |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>10.9.2018 | IMCO<br>10.9.2018 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | ITRE<br>19.6.2018 | IMCO<br>19.6.2018 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Miguel Viegas<br>20.6.2018 | |
| **Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni** | 26.6.2018 | |
| **Eżami fil-kumitat** | 25.2.2019 | |
| **Data tal-adozzjoni** | 26.2.2019 | |
| **Data tat-tressiq** | 28.2.2019 | |